**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/185

## tat-2 ta' Frar 2017

## ►C1 li jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ◄

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 29, 3.2.2017, p. 21)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 90, 6.4.2018, p. 112 (2017/185)

▼B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/185

**tat-2 ta' Frar 2017**

▼C1

**li jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

▼B

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

**Is-suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 għal perjodu ta' tranżizzjoni mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2020.

*Artikolu 2*

**Deroga li tikkonċerna l-forniment dirett ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam tat-tjur u tal-lagomorfi**

B'deroga mill-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, id-dispożizzjonijiet stipulati f'dak ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-forniment dirett, mill-produttur lill-konsumatur aħħari jew lill-istabbilimenti tal-imnut lokali li jfornu b'mod dirett lill-konsumatur aħħari, ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam tat-tjur u tal-lagomorfi li jinqatlu fir-razzett.

*Artikolu 3*

**Deroga li tikkonċerna r-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali u ta' ikel li fih prodotti ta' oriġini veġetali kif ukoll prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali**

1. L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma għandux japplika għall-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li għalihom, fil-livell tal-Unjoni, ma ġie stabbilit l-ebda rekwiżit armonizzat tas-saħħa pubblika biex jiġu importati.

L-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni tal-Istat Membru li jimportahom.

2. B'deroga mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, l-operaturi tan-negozji tal-ikel li jimportaw ikel li fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali, minbarra dawk imsemmijin fl-Artikolu 3(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 28/2012 għandhom ikunu eżentati mill-obbligi previsti fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

L-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni tal-Istat Membru li jimportahom.

▼B

*Artikolu 4*

**Deroga li tikkonċerna l-proċeduri tas-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali**

Il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 ma għandux japplika għall-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li għalihom l-ebda kundizzjoni armonizzata tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni ma ġiet stabbilita fil-livell tal-Unjoni.

L-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni tal-Istat Membru li jimportahom.

*Artikolu 5*

**Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.